KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 04Ad hoc_12/08/09 VI

# MINUTI TAR-RABA' (AD HOC) SEDUTA

**Ir-raba' seduta** (Ad hoc) tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **12 ta' Awwissu, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves (Bobby) Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Patrick Pace** |
| **Skużat:** | **Martin Debono**<br>**Nicolai Gauci** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |
| **L-avukat tal-kunsill:** | **Ivan Gatt** |

Is-seduta bdiet f' nofs in-nhar b'din l-agenda:

1. Il-problema tal-ġbir ta' skar f'Tas-Sliema

*Qabel ma ġie diskuss dan is-suġġett is-Sindku N. Dimech ġibed l-attenzjoni lill-kunsilliera preżenti li l-kunsill irċieva ittra mill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali bħala stedina li se tiġi nawgurata l-funtana ta' Triq it-Torri ma' Triq il-Kbira. Ġie nnotata li l-kunsill irċieva din l-ittra ġurnata biss qabel l-inawgurazzjoni. Il-kunsilliera preżenti qablu li għandhom jiktbu lill-Ministru fejn jitolbu li jkun hemm aktar kooperazzjoni min-naħa tagħhom u għall-proġetti futuri l-kunsill għandu jiġi kkonsultat u involut.*


Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

**1. Il-problema tal-ġbir ta' skart f'Tas-Sliema**

Is-Sindku N. Dimech irrefera għad-diversi ilmenti li l-kunsill kien jirċievi kontinwament dwar is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart. Ġie nnotatat ukoll li kemm il-darba tressqu dawn l-ilmenti fil-laqgħat tal-kunsill fejn ukoll kienu tnaqqsu f'diversi drabi ammonti mill-kont tax-xahar permezz tad-*default notices*. Is-Sindku N. Dimech qal li l-kunsill ma' jistax jibqa f'din is-sitwazzjoni u l-kunsill hemm bżonn jieħu azzjoni immedjatata.

Is-Sindku N. Dimech qal li hu iltaqa ma' l-Onoroveli Chris Said dwar din il-problema u qalu li jekk ikollu qbil fil-kunsill li l-kuntratt jiġi tterminat jistgħu jsejħu kwotazzjonijiet għal servizz ta' emerġenza.

m'hemmx riferenza għalija fil-liġi

L-avukat tal-kunsill I. Gatt qal li dak li se jsir ~~mhuwiex daqshekk legali~~ iżda jekk tkun sanzjonata mill-Onorevoli Chris Said u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali, f'sitwazzjoni hekk urġenti l-kunsill ikun jista jintrabat b'kuntratt temporanju li jiġi mġedded minn xahar għal xahar sakemm jiġi ppublikat il-kuntratt il-ġdid ta' l-iskart, minħabba l-fatt li l-proċess sabiex jinħareġ dan il-kuntratt il-ġdid huwa wieħed twil.

Il-Viċi Sindku J. Gonzi qalet li huwa importanti li jkollna l-*go ahead* bil-miktub min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-kunsill ikollu l-*backing*.

Fuq proposta ta' M. Aquilina

Is-Sindku N. Dimech, il-Viċi Sindku J. Gonzi, il-kunsilliera preżenti fuq proposta Marianne Aquilina, Yves (Bobby) Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Cyrus Engerer, Julian Galea u Patrick Pace unanimament qablu li għandhom isejħu liż-żewġ kuntratturi li kienu ġew it-tieni u t-tielet meta kien ġie ġġudikat t-tender tal-ġbir ta' l-skart tlett snin ilu. Il-kunsill għandu jiltaqa man-*Northern Cleaning Cooperative* kif ukoll ma' *Marvic and Sons Ltd* il-Ħamis 13 ta' Awwissu, 2009 fl-10 u l-10.15 ta' filgħodu. Għandu jistaqsihom jekk jistgħux jiġbru l-iskart tan-naħa tal-*promenade* mis-0700 sad-0900 filwaqt li l-kumplament tat-toroq jinġabar sas-2pm. Il-kunsilliera msemmija qablu wkoll li l-kunsill għandu jerġa jiltaqa' b'mod urġenti għada stess 13 ta' Awwissu, 2009 fis-7.30pm sabiex issir l-għażla bejn iż-żewġ offerti.

Is-seduta ntemmet fis-1.10pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 13 ta' Awwissu, 2009 fil-7.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**